MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 60/8

Il-Gimgha 5 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
John Mary Calleja – Vici Sindku

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

060.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

060.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 56/8 [28/9/2021], 57/8 [5/10/2021], 58/8 [12/10/2021], 59/8 [12/10/2021] );

060.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

060.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

060.5 Rapporti;

060.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress

060.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

060.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghaxra ta` filgħaxija (5:50pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 060.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 060.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 56/8 [28/9/2021], 57/8 [5/10/2021], 58/8 [12/10/2021], 59/8 [12/10/2021] );

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 56/8 , 57/8, 58/8 u l-minuti 59/8 nem con.

060.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

060.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li minn naha taghha u anke l-Kunsill kien ghamel kuntatt mall-perit ta` IM sabiex tisolva l-problema tal-ilma li qieghed izomm fid-dahla ta` Gnien il-Qari.

060.3.2 Giet diskussa talba li kien ghamel il-Kunsill dwar bollard fi Triq San Ciru kantuniera ma` Triq il-Kbira, fejn din giet rifjutata. Il-Kunsill qabel li ghandu jitbghat lill-Transport Malta sabiex tinghata direzzjoni x`jista` jsir ghas-sigurta ta` min ikun qed jghaddi minn fuq il-bankina.

060.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-talba li kien hemm sabiex isiru xi sinjali quddiem binja fi Triq iz-Zebbga ghal fatt li m`hemmx bankina u qed jipparkjaw mall-faccata. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li sir kaxxa tal-keep clear biex bhal ma saru f`kazi ohra.

060.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li TM kienu kkonfermaw li l-parkegg fl-area tal-Hofra kien ser jinghalaq bil-kurduna jew bankina u mhux isiru sinjali biss.

060.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza dwar il-Bye Law tal-Parkegg fil-Gudja, fejn spjegat li hemm bzonn jigi kklarifikati xi punti zghar. Dr.Vella ziedet tghid li minn naha ta` TM kien hemm proponiment li l-kaxxa tal-parkegg isiru bil-kulura minflok bojod. Is-Sindku ziedet tghid li hija tipproponi li toroq tal-HE ghandhom ikunu parti mill-lista ta` toroq f`din il-Bye Law. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

060.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawn prezenti li waqt laqgha li saret ma` rapprezentanti ta` TM regghet tablet sabiex tinghata prijorita t-Traffic Management ta` Vjal it-Torri u l-area ta` Xlejli.

060.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienet saret laqgha mall-ufficjali tal-LESA u kuntrattur ta` CCTV biex flimkien naraw fejn l-ahjar li ssir camera fi Triq il-Kbira sabiex kull min jghaddi one way jigi mharrek.

060.3.8 Is-Sindku ghamlet rerferenza ghall-mini buses li qed jipparkjaw fi Triq F.Castagna jistennew it-tfal tal-iskola, fejn qed ikun ta` nkonvenjent ghar-residenti. Is-Sindku qalet li TM proponew li fil-

parkegg li ser isir, jkun hemm tabella li tindika li f`certu hinijiet jisghtu jipparkjaw il-vannijiet biss biex l-parkegg jigi aktar organizzat.

060.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kwotazzjoni li ntbghtet ghall-Mobile APP. Il-Kunsill qabel li tohrog Expression of Interest ghal min ghandu dan it-tip ta` servizz sabiex b`hekk il-Kunsill ikun jista` jiddeciedi ahajr.

060.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema ta` fondi ghall-Restawr ta` Postijiet Storici, fejn qalet li l-Kunsill ghandu jideciedi jekk id-darba li jmiss ghandux japplika biss ghall-parti biss mir-restawr tal-Knisja ta` Loretu, sabiex il-Kunsill ikun f`pozizzjoni ahjar li jiehu dawn il-fondi. Dawk prezenti qabblu ma` dak propost. Il-Kunsill qabel ukoll li jinforma lill-perit sabiex ihejji BOQ ghax-xoghlijiet ta` restawr ta` nicca ta` Duluri.

060.3.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-permessi li nhargu mit-TM sabiex isiru zewg road humps u zebra cross fi Triq Bir Miftuh. Is-Sindku spjegat li waqt laqgha ma` TM giet diskussa l-possibilita li zebra cross tkun aktar vicin il-Gnien R.Caruana u ssir hump zebra cross u road hump ohra biss f`din it-triq. Dwar dan il-Kunsill ghadu jrid l-approvazzjoni ta` TM jekk dan jisghtax isir.

060.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-approvazzjoni li kienet harget mit-TM dwar id-direzzjoni ta` traffiku fi Triq il-Kappella u Triq Hal-Safi, fejn is-Sindku qalet li din giet diskussa ma` TM u l-Kunsill gie nfurmat li peress Triq ta` Hal-Far hiija arterjali, l-Kunsill ghandu jaghmel it-talba ma` IM.

060.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghal fondi li hemm allokati mir-Regjun Nofsinhar sabiex isir kuncert fi zmien il-festi tal-Milied. Is-Sindku tablet sabiex il-Kunsill jitkellem mall-Arcipriet dwar dan. Il-Kunsill qabel li l-kuncert isir fis-6 ta` Jannar 2022.

Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex jghaddi zewg punti. Is-Sur Caruana talab sabiex tigi rrangata vlegga li hemm f`Wesgha Anglu Dalli ghax qeghda baxxa u talab sabiex isir mera gdida fi Triq J.Gravina.

Fis-7pm Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

060.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza dwar is-sinjali tal-parkegg fi Triq il-Palma, fejn qalet li TM proponew li jsir double yellow line ta` 1.7mtrs mall-gnub tal-garaxx m`ghand min saret din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

060.3.15 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li Letter of Representation dwar il-permess PA/06010/21 kienet giet ssottomessa.

060.3.16 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Fun Run tal-President li kienet ser isir fl-21 ta` Novembru, fejn tablet lill-Kunsilliera biex iheggu aktar nies jirregistraw u jippartecipaw.

060.3.17 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Christmas Fun Run li ser tigi organizzata mill-Agones Sports Club bil-partecipazzjoni tal-Kunsill. Din l-attivita ser isir fis-17 ta` Dicembru 2021.

060.3.18 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li Bye Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem Selvagg kienet giet ippubblikata u giet fis-sehh.

060.3.19 Is-Sindku prezentat il-kuntratt bl-emendi l-godda li l-Kunsill ser jiffirma mas-Socjeta Filarmonika La Stella minhabba l-monument li ser isir fir-roundabout. Dawk prezenti approvaw il-kontenut tal-kuntratt il-gdid. Is-Sindku tablet sabiex tinstab gurnata biex jigi ffirmat dan il-kuntratt.

060.3.20 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat korrispondenza lill-IM bit-talba u l-kwotazzjoni biex isiru xoghlijiet mehtiega fi Sqaq Caghki.

060.3.21 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mill-persuna responsabbli mill-Librerija Pubblika tal-Gudja fejn gie mitlub biex il-Kunsill japprova s-somma ta` elf ewro sabiex jintraw kotba godda. Il-Kunsill approva din it-talba.

060.3.22 Is-Sindku proponiet sabiex fejn il-Kazin ta` Cintura (fil-bidu ta` Triq Santa Marija) jsiru zewg kaxxi tal-muturi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

060.3.23 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-progett tal-Europe for Citizens li l-Kunsill huwa Project Leader sabiex jigu dati ta` meta ser isir il-konferenza f`Malta. Is-Sindku proponiet li l-konferenza ssir bejn il-25 u 29 ta` April 2021. Dawk prezenti qabblu ma` dak propost.

060.3.24 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza relatata mall-Eko Skola, fejn proponiet li l-Kunsill ghandu jhallas il-mizata ta` hmistax – il ewro lill-skejjel tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

060.3.25 Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar talba sabiex Triq Mons. Pawlu Mallia tinbidlielha isimha minhabba li fil-prezent l-isem huwa twil. Il-Kunsill ma laghqax din it-talba.

060.3.26 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li talba tal-Kunsill biex isir ATM fil-Gudja ma giet irifjutata.

060.3.27 Is-Sindku prezentat kwotazzjoni tal-lapel badges bl-istemma tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jordna xi ftit lapel badges anke sabiex jintuzaw ghall-konferenza li ser isir f`April 2022.

060.3.28 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-IBINS ta` Triq Bir Miftuh kienu tnehhew u thalla set wiehed biss ta` bins.

060.3.29 Is-Sindku qrat ir-rapport li gie mhejji mill-Contracts Manager ghax-xahar ta` Ottubru fejn rrimarkat li servizz li qed jinghata mill-kuntrattur ta` tindif ta` gonna u soft areas mhux qed jaghmel ix-xoghol sew u regolari kif hemm stipulate fil-kuntratt. Is-Sindku qalet li l-Kunsill wissa` ghal diversi drabi lill-kuntrattur li xoghol ma kienx qed isir sewwa u ghalhekk s-Sindku proponiet li ghandha tohrog default notice skond il-kuntratt ghan-nuqqas ta` kif qed jinghata servizz fil-lokalita tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

060.3.30 Is-Sindku prezentat il-kwotazzjonijiet ta` tizjin tal-Milied ghall-area tal-Housing Estate, fejn il-Kunsill approva l-irhas kwotazzjoni.

Fit-8.15pm il-Kunsilliera M.Micallef tablet sabiex tigi skuzata mill-laqgha.

060.3.31 Is-Sindku tablet sabiex il-Laqgha Annwali tal-Lokalita ssir nhar il-Hamis 9 ta` Dicembru fis-6.30pm fic-Centru Parrokjali Santa Marija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**060.4 Twegibiet ghall-Mistoqijsiet tal-Kunsilliera;**

060.4.1 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex isir mera faccata ta` Triq Hal-Resqun kantuniera ma` Triq iz-Zebbuga

060.4.2 Il-Vici Sindku JM Calleja ghamel referenza ghall-applikazzjoni sabiex isir karma ta` nar fi Triq San Kristu. Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex il-Kunsill jibghat l-ogezzjoni tieghu habba l-permess PA/2831/12 sabiex isir kamra ta` nar fi Triq Santu Kristu. Is-Sur Sammut qal li fl-2012, il-Kunsill Lokali kien diga ogezzjona u ghalhekk il-Kunsill ghandu jerga` jaghmel l-istess. Is-Sindku talbet sabiet il-Kunsill jinforma lill-perit biex jiprepara Letter of Representation ghan-nom tal-Kunsill.

060.4.3 Il-Vici-Sindku talab sabiex jinzabru sigar ta` Triq Hal-Tarxien.

**060.5 Rapporti:**

Ma kienx hemm.

**060.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-kuntrattur LBV Ltd fejn spjega li kienu saru diversi xoghlijiet fil-progett li qed isir ta` pavimentar fi Triq Santa Katerina u Triq J.Pace. Il-Kuntrattur talab sabiex minn naha tal-Kunsill jigi approvat pagament mill-ammont totali (part payment)li ser jigi jiswa l-progett ta` xiri u tqeghid ta` pavimentar. Il-Kunsill approva li jhallas is-somma ta` 15% mill-ammont globali.

c. Ġnien Raymond Caruana – progress

**060.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta` Pagamenti;**

Il-lista ta’ pagamenti nru 30/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta’ €36,728.21 u ġiet approvata nem con.

**060.8 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar l-Erbgha 1 ta` Dicembru 2021 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum l-Erbgha 1 ta` Dicembru 2021

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

056.8

056.9